MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tas-7 ta' Dicembru, 2009

Talba Numru. 667/2009

**Alf. Mizzi & Sons (Marketing) Limited (C8692)**
**vs**
**ZC Installations Limited (C-30750)**

It-Tribunal,

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet hlas ta’ elfejn, mitejn u hamsin ewro (€2,250) jew somma ohra li tirrizulta dovuta in linea ta’ danni u dan in vista tan-nuqqas ossia rifjut mhux gustifikat tas-socjeta’ konvenuta li tiddepsoita flejjes li kellha u/jew ghandha fil-pussess taghha appartenenti lil Mark Brincat u dan minkejja l-obbligu taghha in segwitu ghal hrug tal-mandat ta’ sekwestru ezekuttiv numru 74/09 bl-ismijiet Alf. Mizzi & Sons (Marketing) Limited u Mark Brincat.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta’ l-ittri interpellatorji datati 13 ta’ Marzu, 2009, 24 ta’ April, 2009, 7 ta’ Mejju, 2009 u 23 ta’ Lulju, 2009 oltre l-ittra ufficjali datata 19 ta’ Gunju, 2009 u b’riserva ghal kull azzjoni u rapport ghal kull azzjoni

kontra l-istess socjeta' konvenuta li minn issa s-rapprezentanti taghha huma ngunti in subizzjoni.

Ra mill-atti li s-socjeta' konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notifikata u l-anqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li fis-seduta tat-18 ta' Novembru, 2009 l-avukat difensur talab li ssir korrezzjoni fl-avviz u fit-talba u jizdiedu l-kliem "li minn issa r-rapprezentanti taghha huma ngunti in subizzjoni" – u li dawn il-kliem kellhom jiddahhlu fl-ahhar tat-talba'. Illi t-Tribunal laqa' din it-talba.

Ra li gie pprezentat kapitolu fis-seduta tat-18 ta'Novembru, 2009 mill-Avukat Dr. Simon Galea Testaferrata u l-fatt li s-socjeta' konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Ra li s-socjeta' konvenuta naqset li tikkontesta l-kawza.

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------